**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page:www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa' Leġiżlatura

Laqgħa Numru 14/2024

20 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**14.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu japprova Minuti Numru 12/2024 u Numru 13/2024. Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħat preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni Vjal Kulħadd sabiex isir t-tisbiħ tal-pjazza.

Is-Sindku qal li ref punt 12.1.1 (l-Għassa tal-Pulizija) kien attenda laqgħa mas-Supretendent fejn kien ressaq il-proposta li l-*Community Police* jibqgħu jagħmlu użu minn kamra tal-Kunsill u jċedu l-għassa tal-pulizija. Is-Sindku qal li nhar il-25 ta' Novembru kellu skedata laqgħa mad-Deputat Kummissarju fuq l-istess kwistjoni.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri Kurt Debono u Claire Zammit jekk ref punt 12.1.4 (*Play* tal-Każin) jekk kienx hemm deċiżjoni. Il-Kunsillieri kkonfermaw li l-*play* ma kinitx ser issir din is-sena iżda fil-bidu tas-sena d-dieħla u għalhekk ġie kkonfermat li l-flus li kien hemm ippjanati sabiex issir din il-*play* kellhom jiżdiedu mal-*budget* ta' Festa Familja.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Claire Zammit jekk kinitx trid tagħti aġġornament fuq ref punt 12.2.1 (Kunsill Lokali tat-Tfal). Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li l-ewwel u qabel kollox il-ħin tal-laqgħa teknikament kien bejn 4:30pm u 6:00pm, l-applikazzjoni għal mentors kienet intliet u sa dakinhar kienu applikaw tlett itfal. Il-Kunsilliera qalet li d-data tal-ewwel laqgħa għad-29 ta' Novembru, 2024 kellha tinbidel għaliex is-Sindku kellu l-laqgħa tas-Sindki u għalhekk ma setax jattendi. Hija qalet li issa l-laqgħa kienet skedata għal 5 ta' Diċembru u stiednet lill-Kunsillieri min xtaq jattendi.

Is-Sindku qal li ref punt 12.2.3 (Major Clean Up) kienet saret. Huwa uriehom ir-ritratti taż-żoni li kienu tnaddfu. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet x'kien il-ħsieb li jsir issa li tnaddfu dawn iż-żoni. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika għal skema mill-Għammieri biex jinżergħu xi siġar fejn il-Kunsill kien identifika din iż-żona biex jitħawlu l-istess siġar. B'żieda ma dan, il-proġett ta' *New Water* ser jibda minn din iż-żona u il-Kunsill kien talab sabiex  l-ewwel point minn fejn jittieħed l-ilma ikun viċin sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-ilma dirett minn hemm u ma jkollnix għalfejn inġibu l-bowzers tal-ilma.

Is-Sindku spjega li ref punt 12.2.6 (Triq Carmelo Caruana) din it-triq sal lum kienet taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Indis, il-manutenzjoni minn naħa tal-Indis ma kinitx qegħda ssir u li s-CEO kien talab għar-rilaxx tar-responsabbilita' tal-istess triq lil *Lands Depts*. Issa l-*Lands* kienu aċċettaw il-proposta tal-*Indis*. Is-Sindku kompla jispjega li l-proċess kien twil ħafna u issa kien imiss li ssir talba lil *Transport Malta* sabiex jevalwaw il-proposta li Triq Carmelo Caruana taqa' taħt ir-responsabbilita' tagħhom u li tiġi ddikjarata Triq arterjali u distrubitorja.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet rigward iz-zebra crossings li kellu jagħmel il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li li kienet bagħtet għal diversi kwotazzjonijiet għaż-żebra crossing ta' Triq il-Karwija, pero' il-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni waħda biss. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistennew aktar kwotazzjonijiet qabel jingħata x-xogħol.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll iz-*zebra crossing* ta' Triq San Pawl. Is-Sindku qal li din it-triq għadha taħt il-garanzija u qabel issir it-trinka għal belishia light il-Kunsill irid ikollu approvazzjoni minn naħa ta' *Infrastructure Malta*. Is-Sindku qal ukoll li kien tkellem ma' *Transport Malta* li kienu qed jissuġġerixxu li anka din iz-*zebra crossing* issir humped sabiex inkomplu nnaqqsu l-periklu f'din it-triq. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li meta tiġi mplimentat l-ewwel fażi tat-traffic management it-traffiku li jgħaddi minn Triq San Pawl għandu jonqos ħafna, għalhekk il-Kunsill qabel li għal issa nieħdu kwotazzjonijiet għal żebra crossing mingħajr hump.

Is-Sindku qal li ref punt 12.3.4 (double yellow lines fi Triq Dun Karm Lia) kien tkellem mal-persuna li għamlet it-talba, li kien qed jaċċetta li ma jistax isir parkjar għaliex tingħalaq it-triq pero' minflok kien qed jitlob li imqar isir *single yellow line*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir *single yellow line* sabiex din il-persuna jkun jista' jieqaf għal ftit mumenti kemm iħott.

Is-Sindku qal li ref punt 12.3.6 (dwal zuntier) kien iċċekkja mal-Kappillan u mas-Segretarju Parlamentari li kienu qed jikkonfermaw li l-ħsieb kien li jirranġaw id-dwal taz-Zuntier tal-Knisja ta' Ħal Safi ukoll.

Is-Sindku qal li ref punt 12.3.7 (*air conditioners* tas-sala) t-teknixin kien irranġahom u issa kollha kienu qed jaħdmu.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li jekk il-*bus stop* li hemm fil-pjazza inressquha aktar lejn Triq iż-Żurrieq ser tkun ta' periklu. Nagħmluha b'mod li kif jigi jaraha li hemm tal-linja. Il-Kunsill qabel li huma affarijiet li naraw aktar 'il quddiem.

**14.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.2.1 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2024 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal *Press Conference* mad-DLG rigward Skema Komunitajiet aktar b'Saħħithom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser jibbenfika mis-somma ta' €2971 għal din l-iskema li ser jintużaw sabiex isiru sessjonijiet ta' Aerobics, Pilates u AED/CPR course minngħajr ħlas.

14.2.2 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 23 Ottubru, 2024 kien attenda laqgħa tas-Sindki mal-Assistent Kummissarju flimkien mas-Sindki mil-lokalitajiet li jaqgħu taħt il-lokalita' tiegħu. Is-Sindku spjega li l-iktar issue li kienu iddiskutew kienet il-problemi li konna qed niffaċċjaw meta nagħmlu one time event u l-problemi li nqalgħu min kellu jtellgħa l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern jekk hux il-pulizija jew il-Kunsill Lokali biex tkun konformi mal-liġi.

14.2.3 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 3 ta' Novembru, 2024 kienet saret l-attivita' taż-żebbug u li waqt l-istess attivita' kienu nġabru mal-kważi 60 Kg.

14.2.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru, 2024 saret *press conference* fejn ġie ffirmat MOU mal-Public Works rigward is-*solar lights lamps*. Is-Sindku spjega li d-dwal kollu li hemm fi Ġnien Dun Karm Vella kien ser jinbidel kompletament, kif ukoll xi postijiet li mhumiex fiż-żona rurali kienu ser isiru mill-ġdid. Is-Sindku qal li l-*Public Works* kienu ser jagħmlu l-maintenance għal ħames snin imbagħad wara jgħaddu fuq il-Kunsill.

14.2.5 Is-Sindku qal li xtaq ifakkar lill-Kunsillieri li t-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024 kien hemm laqgħa mas-SEM fuq il-Fondi Ewropej. Huwa qal li l-laqgħa kienet interessanti ħafna u spjega l-importanza li NGO's ukoll setgħu jitolbu l-għajnuna tagħhom għal mili tal-applikazzjonijiet.

14.2.6 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ġimgħa 22 u s-Sibt 23 ta' Novembru, 2024 ir-Radisson kien ser ikun hemm il-Local Councils *Expo* u min xtaq jattendi kellu jirreġistra.

14.2.7 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 14 ta Diċembru, 2024 kien ser ikun hemm il-*Gala Night* tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal min jixtieq jattendi.

14.2.8 Is-Sindku qal li kien attenda laqgħa oħra fuq il-*Budget Proposals* tar-Reġjun Punent fejn ġew diskussi l-*proposals* u taw xi suġġerimenti għal *budget* tas-sena d-dieħla.

14.2.9 Is-Sindku qal li xtaq ifakkar lill-Kunsilliera li nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru, 2024 ser ikun hemm il-Kunċert tal-Milied mill-Kor Sine Macula fil-Knisja Parrokkjali.

14.2.10 Is-Sindku qal li l-*kameras* ta' *Zurrieq Road* ħdejn id-*Dimentia* kienet ġiet installata pero' ovvjament għadha mhix titħaddem u li l-kamera ta' ħdejn il-*Convenience Store* kienet għadha *on hold* minħabba xi issues minn naħa tal-*Heritage*.

14.2.11 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Banda kienu avviċinawh sabiex tiġi stabbilita' d-data ta' Jum Ħal Safi għas-sena d-dieħla. Is-Sindku spjega li t-13 t'April, 2025 kien ser jaħbat Ħadd il-Palm. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Jum Ħal Safi għas-sena d-dieħla jsir nhar il-Ħadd 27 ta' April, 2025.

4.2.12 Is-Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, il-President qal li hemm €200 kotba, irridu nonfquhom sa Diċembru, 2024. Is-Sindku ssuġġerixxa li €100 intuhom l-iskola filwaqt li €100 imorru għal librerija. Il-Kunsill qabel.

4.2.13 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-Agreement għal *Bring-in-Sites* li ser ikun qed ikopri sentejn. Is-soltu nagħmlu agreement magħhom, u jkun ikopri sentejn. Aħna ma nhallsu xejn kull ma rridu nagħmlu aħna jekk ikun hemm xi boroż suwed irridu nneħħuhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li nġeddu dan l-agreement. Il-Kunsill qabel.

4.2.14 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi *feedback* rigward Festa Familja. Huwa qal li qabel issir id-diskussjoni xtaq jgħid li l-attivita' kibret u n-numru ta' tfal li

użaw it-tokens kien ta' madwar €2,300 li meta tgħodd il-ġenituri tagħhom jammontaw għal 6,000 ruħ. Il-Kunsill iddiskuta l-issues li nqalgħu dakinhar tal-attivita'.

**14.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

14.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla li f'laqgħa preċidenti kienet ssuġġerixiet li l-linji tat-Triq il-Kuċċard kellhom jinżebgħu mill-ġdid u għalkemm il-linji tas-*service road* kienu saru dawk tat-triq baqgħu qatt ma saru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet xtaqet li jsiru waqt li kienet magħluqa t-triq biex jintrama n-nar tal-art pero' l-ħaddiema ma kienx irnexxielhom u t-triq perikoluża ma tingħalaqx. Is-Sindku qal naraw kif nistgħu naħdmu sabiex isiru l-istess linji.

14.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet meta kienet ser teħel l-*sleeping police* fis-*Service Road* ta' Triq il-Kuċċard. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm kienet għamlet l-ordni għal *sleeping police*, il-Kunsill kellu jistenna l-approvazzjoni minn *Transport Malta*.

14.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm il-ħsieb li l-Kunsill jirranġa x-xelter għaliex kienet ħasra li l-Kunsill ma kienx qed jutilizzah waqt l-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta x'jista' jsir għar-restawr tal-istess xelter u li l-Kunsill ser jkun attent jekk toħroġ xi skema biex isiru x-xogħolijiet.

14.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk bħal snin preċidenti l-Kunsill kienx ħa jorganizza *Father Christmas* idur mat-toroq ta' Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li għandu jsir għaliex it-tfal jifirħu.

14.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li xtaqet li l-Kunsill jorganizza sezzjoni ta' sports u li kienet ser tkellem lil *Rush Athletic Club* sabiex norganizzaw sezzjoni ta' sports fil-grawnd fil-bidu tal-vaganzi tal-Milied. Il-Kunsill qabel.

14.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li xtaqet torganizza mixja/trekking bħal ma kienu saru fil-passat. Il-Kunsill qabel.

14.3.7 Il-Kunsilliera Claire Zammit tat rendikont tal-attivita' li kienet saret fil-librerija għal Halloween. Hija qalet li għal kompetizzjoni kienu pparteċipaw disat itfal u li l-ġurija kienu żewġ persuni mir-Reġjun Punent kif kien miftiehem. Hija qalet li għall-ewwel u t-tieni post kien ingħata ktieb filwaqt li min ipparteċipa kien ingħata goody bag.

14.3.8 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li xtaqet li l-Kunsill jorganizza Dinner Dance għan-nies tal-lokal. Hija qalet li diġa' kienet ġabet kwotazzjoni b'ikel buffet għal prezz ta' €28.00 inkluz l-*entertainment* pero' l-unika data li kellu fejn il-Kunsill seta' jikkonferma kienet nhar is-Sibt 28 ta' Diċembru, 2024. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-prezz u d-data kif ukoll li l-Kunsill jorganizza t-transport għal kulħadd.

14.3.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal fi Sqaq ħdejn il-bring in sites kien hemm site li għalkemm diġa' bena kien għadu ma neħħiex il-hoarding wall. Is-Sindku kkonferma li hekk kif ilesti l-kuntrattur kien obligat li jneħħi l-ħajt tal-madwar il-binja u jagħmel il-bankina mill-ġdid. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nkellmu l-kuntrattur.

14.3.19 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien hemm sqaq fil-viċinanza tal-Ħlantun li l-bdiewa kienet qed jitolbu jekk hux possibli li l-Kunsill jagħtih il-konkos. Il-Kunsillier qal li l-isqaq ma kienx privat u li kien ser jiċċekja sewwa liema wieħed kien. Is-Sindku qal li wara li l-Kunsillier jipprovdi l-informazzjoni kollha, il-Kunsill seta' jara jekk *Infrastructure Malta* setgħux jagħmlu l-istess sqaq bil-konkos.

**14.4 Rapporti:**

**14.5 Approvazzjoni t-Tielet Kwart tal-Estimi Financjarji**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tielet *Quarterly Financial Statements* Q3 (Jan – Settembru, 2024) lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat online.

Is-Sindku ġie skużat mil-laqgħa 20.06 sa 20.08

Is-Sindku qal li meta l-Kunsill kien iltaqa' mal-Perit minħabba l-applikazzjoni ta' Vjal Kulħadd, il-Kunsill kien talab lill-Perit sabiex jagħtina site plan kif inhu it-*traffic management* eżistenti u oħra bil-bidliet li kienu saru għal Phase 1 *Traffic Management* u *covering letter* bil-Malti u l-Ingliż li rridu nibagħtu lir-residenti inkluż is-*social media*. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel mas-*site plans* u l-ittra apparti korrezzjoni żgħira li tindika li toħroġ għal pjazza.

**14.6 Milied 2024 – Attivitajiet**

Is-Sindku qal li issa li kien qed joqrob ix-xahar tal-Milied kien jinħtieġ li l-Kunsill jaħseb għall-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li:

1. Kunċert tal-Milied 21 ta' Diċembru, 2024
2. Party tat-tfal – Il-Kunsill kellu jara meta ser isiru tal-Każin u tal-Mużew tas-subien u bniet – Prezz bħas-sena l-oħra.
3. Ikla tal-Anzjani 12 ta' Jannar, 2025. Prezz bħas-sena l-oħra.
4. Hampers għal anzjani housebound
5. Ikla tal-istaff – 20 ta' Diċembru, 2024

**14.7 Fuljett Diċembru, 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet għal Milied il-Kunsill kien joħroġ il-fuljett. Hija qalet li kienet ġabret xi kwotazzjonijiet sabiex isir id-disinn u l-printing tal-istess fuljett. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tintgħażel l-orħos kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv

talbet lill-Kunsilliera kollha sabiex sa nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru, 2024 kulħadd kellu jibgħat il-messaġġ tiegħu.

**14.8 Ġnien Dun Karm Vella**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu javviċina l-perit sabiex naraw darba għal dejjem jekk hemm ċans li jsir l-*underground parking* mingħajr ma jitneħħew is-siġar kollha. Is-Sindku ressaq żewġ proposti, Option 1 b'sular parkeġġ u Option 2 naqra aktar kumplikata b'żewġ sulari parkeġġi. Is-siġar kollha ta' mad-dawra tal-ġnien jinżammu, pero' jridu jitneħħew is-siġar li hemm fin-nofs tal-ġnien. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu Option 1 (sular parkeġġ), u jsir appuntament mal-Public Works sabiex naraw jekk jaċċettawx din il-proposta.

**14.9 Cirkulari Numru SPI/SCI/08/2024 Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet kopja lill-Kunsilliera kollha tal-espressjoni ta' interess Finanzjament Karnival 2025 u staqsiet jekk kienx hemm xi suġġeriment għal din l-inizjattiva.

Is-Sindku qal li fl-imgħoddi l-Kunsill ġieli organizza party għat-tfal għal din il-festa, filwaqt li l-Kunsilliera Claire Zammit qalet li tkun idea sabiħa kieku l-Kunsill ikun jista' jorganizza ballu tal-Karnival. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din is-sena l-Kunsill jorganizza festin għat-tfal u l-familji tagħhom b'kompetizzjoni tal-isbaħ kostum u wara l-festin issir parata fil-pjazza ta' Ħal Safi bil-banda tallegra lil kulħadd.

**14.10 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**14.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament inkluż il-pagamenti relatat mal-iskema SPI/SCI/05/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.

**14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-21.28. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru, 2024 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |